**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 7 ta' Frar 2023

Fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat Numru: 118/2019 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C D u b'Digriet tas-16 ta' Novembru 2022 ġiet nominata bħala kuratriċi *ad litem* sabiex tirrappreżenta lil minuri E B,**

**Il-kjamat in kawża F G skont id-digriet tal-14 ta' Settembru 2022, u**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur,[1] li permezz tiegħu ppremetta:

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimata C D zzewgu fit-23 ta' Diċembru 1991, u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 13 ta' April 2018 in*

---
[1] Fol. 1.

atti tan-Nutar Dott. Daniel Caruana, hawn anness u immarkat bhala Dokument A;

2. Illi tul iz-zwieg gl-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena 2015 l-intimata C D welldet tifla gewwa l-isptar Mater Dei, tal-Qroqq, l-Msida, liema tifla giet moghtija l-isem ta' 'E' u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri;

3. Illi l-imsemmija tifla giet registrata bhala bint ir-rikorrenti A B, skond certifikat tat-twelid tar-Registru Pubbliku enumerate 6025 tas-sena 2015, hawn anness bhala 'Dokument B';

4. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri E jirrizulta illi fil-kolonna < Isem Kunjom u Post tat-twelid tal-Missier > gie registrat isem ir-rikorrenti A B;

5. Illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u immarkat bhala Dokument A, l-intimata C B ikkonfermat li l-wild E ma hijiex il-wild naturali tar-rikorrenti u obbligat ruhha li tipprocedi sabiex l-imsemmija minuri ma tibqax registrata fuq isem ir-rikorrenti;

6. Illi r-rikorrenti effettivament issottometta ruhu ghal testijiet genetici apposite fejn jidher li r-rikorrenti A B ma huwiex fil-fatt il-missier naturali tal-minuri E kopja ta' dawn it-testijiet hawn annessi wkoll bhala 'Dokument C';

7. Illi ghalhekk huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi ddikjarata l-paternita reali taghha, b'dan li c-certifikat tat-twelid hawn anness bhala Dokument B jkun jirrifletti dan;

8. Illi ghalhekk huwa mehtieg ukoll illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri E jirrifletti ukoll dan l-istat ta' fatt li r-rikorrenti ma huwiex il-missier naturali taghha;

9. Illi l-esponenti intavola rikors ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi awtorizzat jipprezenta din il-kawza sabiex isiru l-korrezzjonijiet relattivi fl-att tat-twelid tal-minuri E, liema rikors gie

*degretat fl-10 ta' April 2019 kopja ta' liema digriet qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dokument D';*

10. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha*

i) *Tiddikjara illi l-minuri E B imwielda fl-ghpxrin (20) ta' Novembru tas-sena 2015 ma hijiex bint it-tikorrenti A B kif indikat fl-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru 6025 tas-sena 2015 u mmarkat bhala 'Dokument A';*

ii) *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri E B, liema igib in-numru 6025 tas-sena 2015 jagħmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi jithassru minnu kull referenza ghar-rikorrenti Lous B u l-konnotati riferibbli ghalih;*

iii) *Tordna lil konvenuta Rossanna D sabiex tindika min huwa il-missier bijologiku tal-minuri u atghti kull ordni f'dan ir-rigward sabiex tigi stabbilita l-paternita tal-minuri E, inkluz jekk ikun hemm bzonn li jsiru testijiet genetici ulterjuri;*

iv) *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri E jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega sabiex jitnizzlu l-konotazzjonijiet tal-missier bijologiku tal-minuri E gialadarba dawn jigu stabbiliti fil-mori tal-kawza;*

*Bl-ispejjeż inkluzi dawk tar-rikors generali bin-numru 165/2019 kontra l-intimati li huma min issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrur;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[2] fejn eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta'*

[2] Fol. 31.

*Malta. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta għadu ma bediex jiddikorri;*

2. *Illi bla preġudizzju għas-*suespostu *fil-mertu, l-esponent jiddikjara li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illil-esponent qiegħed jassumi illi din il-kawża ġiet* intavolata *ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-kawża istanti si tratta proprju denegata paternita';*

4. *Illi stante l-premess, l-attur jeħtieġlu primarjament jipprova u jissodisfa minn talanqas waħda mir-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 70 sub-inċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal dan il-għan, jidher illi l-attur ppreżenta kopja tar-*rapport *tat-Test Ġenetiku illi jikkonferma illi huwa ma huwiex il-missier naturali tal-minuri. Madanakollu, l-esponent jirrileva illi madanakollu, tali test jonqsu illi jiġi maħluf mit-*tekniku *li wetqet l-istess test;*

5. *Illi bla preġudizzju għas-*suespost, *il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri E B a tenur tal-Artikolu 92 sub-inċiż 6 tal-*Kapitolu 16 *tal-Liġijiet ta' Malta***;**

6. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-*kolonna *u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm, għandhomflimkien mal-konnotati tal-attur jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid tal-minuri E B;*

7. *Illi finalment u dan dejjem mingħajr preġudizzju għas-*surriferit*, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' għaġir tiegħu u għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet* ulterjuri.

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat illi l-konvenuta C D ġiet debitament notifikata bir-rikors ġuramentat nhar is-26 ta' Lulju 2019,[3] madanakollu hija ma ppreżentat l-ebda risposta ġuramentata entro t-terminu stabbilit mil-liġi u għalhekk tinsab fi stat ta' kontumaċja;

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2019,[4] il-konvenuta C D infurmat lil Qorti li l-missier naturali tal-minuri huwa F G, detentur tal-karta tal-identita'XX;

Rat id-digriet tal-14 ta' Settembru 2022,[5] fejn il-Qorti laqgħat it-talba kif dedotta fir-rikors tat-13 ta' Settembru 2022 sabiex jiġi kjamat fil-kawża F G;[6]

Rat illi l-kjamat in kawża F G ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar it-2 ta' Jannar 2020,[7] iżda fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2020 huwa ddikjara li ma kienx beħsiebu jippreżenta risposta ġuramentata u għalhekk jinsab fi stat ta' kontumċja;[8]

Rat in-nota tal-kjamat in kawża F G datata 24 ta' Lulju 2020,[9] fejn iddikjara illi huwa ssottopona ruħu għat-test tad-DNA fejn irriżulta illi huwa l-missier naturali tal-minuri, u kif ukoll li tali nota għandha titqies bħala nota ta' ammissjoni fejn qed jaqbel mat-talbiet tal-attur, għajr għal kap tal-ispejjeż li skontu għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet;

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri E B bin-numru progressiv 6025 tas-sena 2015;[10]

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni tal-attur A B u l-konvenuta C D datat 26 ta' April 2018 li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Daniel Caruana,[11] fejn fir-rigward tal-minuri fl-istess kuntratt ġie ddikjarat *"Illi l-Mara qed tiddikjara li għandha wild minuri oħra E B li twieldet, fl-għoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (20.11.2015); u li għaldaqstant ir-Raġel m'huwiex il-missier naturali tal-minuri E peress li hija twieldet fil-perjodu li l-partijiet kienu separate de facto. In oltre,*

[3] Fol. 23.
[4] Fol. 35.
[5] Fol. 77.
[6] Fol. 75.
[7] Fol. 35a.
[8] Fol. 40.
[9] Fol. 45.
[10] Fol. 12.
[11] Fol. 5.

*il-komparenti Mara qed tobbliga ruħha li tintavola proċeduri ġudizzjarji apożiti sabiex fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri l-komparenti Raġel ma jibqax imniżżel bħala l-missier naturali tagħha"*;

Rat ir-riżultat tat-testijiet xjentifiċi datat 17 ta' Novembru 2017 kif redatt mill-espert Dr Marisa Cassar,[12] fejn ġie kkonfermat illi l-attur ma huwiex il-missier naturali tal-minuri E B;

Rat id-digriet datat 10 ta' April 2019,[13] fejn il-Qorti laqgħat it-talba kif dedotta mill-attur fir-rikors tiegħu tad-9 ta' April 2019,[14] ċjoe' l-awtorizzazzjoni ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili sabiex ikun jista' jibda l-kawża odjerna;

Rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar maħluf minnha stess nhar is-7 ta' Jannar 2020 li miegħu hemm anness ir-rapport xjentifiku tad-DNA minnha stess redatt fir-rigward tal-minuri E B, li jistabbilixxi li l-attur A B ma huwiex il-missier naturali tal-imsemmija minuri;[15]

Rat in-nota tal-konvenuta C D datata 9 ta' Novembru 2020,[16] fejn infurmat lil Qorti illi kunjom il-minuri għandu jinbidel minn *'B'* għal *'G'*;

Rat in-nota tal-kjamat in kawża F G datata 6 ta' April 2021,[17] u 23 ta' Ġunju 2021,[18] fejn elenka d-dettalji tiegħu;

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Ġunju,[19] il-partijiet kolha ddikjaraw illi l-minuri għandha tassumi l-kunjom *'G'*;

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2022,[20] il-partijiet kollha qablu illi l-konvenuta C D għandha tinħatar bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri E B;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

[12] Fol. 13.
[13] Fol. 15.
[14] Fol. 16.
[15] Fol. 36a.
[16] Fol. 48.
[17] Fol. 52.
[18] Fol. 55.
[19] Fol. 54.
[20] Fol. 79.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. <u>L-Azzjoni Odjerna:</u>

Il-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mir-rikorrent għaċ-ċaħda tal-paternita' tiegħu versu l-minuri E B, filwaqt li hemm ukoll talba sabiex il-konvenuta tiddikjara min hu l-missier naturali tal-minuri u konsegwentament id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel il-korrezzjonijiet neċessarji. Mill-atti jirriżulta li l-l-attur u l-konvenuta C D kienu miżżewġin, iżda sussegwentament nhar is-26 ta' April 2018 il-kontendenti sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt bonarju fl-atti tan-Nutar Dr Daniel Caruana. Nelfrattemp jirriżulta illi l-konvenuta C D kellha relazzjoni extra-maritali ma' F G, li huwa allegatament il-missier naturali tal-minuri E B.

2. <u>Il-Prinċipji Legali:</u>

In tema legali jingħad illi l-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li fuqu hija bbażata din il-kawza jipprovdi illi <u>r-raġel jista' jiċħad li jagħraf it-tifel imnissel matul iż-żwieġ</u>:

*"(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-wild, hu kien fl-impossibbiltà fiżika li jgħammar mal-konjuġi li wiled minħabba li kien 'il bogħod mill-imsemmi konjuġi, jew minħabba xi aċċident ieħor; jew*

*(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment separat mill-konjuġi li wiled: Iżda ma jistax jiċħad lill-wild jekk matul dak iż-żmien ikun reġa' ngħaqad mal-konjuġi tiegħu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(ċ) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet waħda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew*

*(e) jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur".*

Illi l-artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, surreferit, għandu jinqara konteswalment ma' l-artikolu 73 tal-istess Kodiċi li jelenka l-perjodu li fih dak il-konjuġi jista' jipprosegwi sabiex jagħmel azzjoni ta' *denegata paternita'*, u ċjoe:

*"(a) fi żmien sitt xhur mit-twelid, jekk il-konjuġi f'dak iż-żmien kien jinsab f'Malta;*

*(b) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li jiġi lura f'Malta, jekk fiż-żmien tat-twelid il-konjuġi kien nieqes minn Malta;*

*(ċ) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien ġie lilu moħbi".*

Madanakollu, f'każ li dak il-konjuġi li ma jkunx ipprosegwa bl-azzjoni ta' *denegata paternita'* entro ż-żmien stipulat, ai termini tal-*proviso* tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili, dak il-konjuġi għandu l-fakolta' li jipprezenta rikors quddiem il-Qorti kompetenti fejn jitlobha l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex ikun jista' jipprosegwi bil-kawza. Dik il-Qorti kkonċernata, jekk ikun possibbli, għandha tisma' lil partijiet interessati u konsegwentament tgħaddi sabiex tqis id-drittijiet tal-applikant u l-wild. Wara li jsir dan l-ezerċizzju, l-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex dak il-konjuġi jkun jista' jintavola l-azzjoni ta' *denegata paternita'*.

Dak il-konjuġi li jkollu interess jintavola azzjoni ta' *denegata paternita'*, konsegwentament għandu, abbazi tal-Artikolu 75 subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili, jimxi legalment kontra: *"(a) kontra t-tifel jekk ikun tal-età; jew (b) jekk ma jkunx tal-età jew għal raġuni oħra ma jkunx tajjeb biex joqgħod f'kawża, kontra kuratur maħtur mill-qorti li quddiemha tinġieb il-kawża: Iżda l-qorti tista' taħtar it-tutur li t-tifel ġa jkollu".* Madanakollu, subinċiz 2 tal-istess artikolu tal-liġi, jkompli jgħid illi f'kull każ, il-konjuġi l-ieħor għandu jiġi msejjaħ fil-kawża.

F'tali azzjoni, ma jistgħax jonqos li ssir referenza għall-Artikolu 70A sbinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi:

*"Meta tkun meħtieġa* *<u>l-kjarifika tal-parentela naturali</u>* *tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li welled u lill-wild; (b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġi u lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

3. <u>L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:</u>

It-talba tal-attur A B hekk imsejsa fuq l-Artikolu 70 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, hija azzjoni fejn l-attur qiegħed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni ġudizzjali ta' *denagata paternita'*, ċjoe' li l-minuri E B ma hijiex bintu hekk kif ġie mniżżel fl-Atti tat-Twelid tagħha, iżda li hija l-wild ta' terza persuna. Għalhekk permezz ta' din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq l-istess ċertifikat. Huwa talab ukoll lill-Qorti tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri jiġu mniżżla l-konnotati tal-missier bijoloġiku tal-minuri, kemm-il darba dana jiġi ddikjarat mill-omm.

Għal tali talba, l-konvenuta C D, f'isimha proprju u kif ukoll in rapprezentanza tal-minuri E B ma tippreżenta l-ebda risposta ġuramentata, iżda ddikjarat li l-missier naturali tal-minuri huwa F G, li konsegwentament ġie kjamat in kawża u ammetta li huwa fil-fatt missier il-minuri u dan wara li allegatament ssottopona ruħu għal test ġenetiku, liema test qatt ma ġie ppreżentat.

Min-naħa l-oħra, l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fir-risposta ġuramentata tiegħu jeċċepixxi numru ta' eċċezzjonijiet. Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni, fejn jingħad illi l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat hekk kif jipprovdi Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tara li tali eċċezzjoni ġiet sollevata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, hekk legalment huwa rapprezentat mill-Avukat Ġenerali (illum Avukat tal-Istat), bl-intiża li jikkawtela d-drittijiet tiegħu li jkun jista' jressaq ir-risposta ġuramentata entro t-

terminu ta' għoxrin (20) jum skont Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt il-Qorti tevalwa li kieku tali eċċezzjoni da parti d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma ġietx issollevata, l-istess Direttur kien ikun fi stadju ta' kontumaċja, tenut kont illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġie debitament notifikat bir-rikors promotur nhar id-9 ta' Lulju 2019,[21] kellu jippreżenta r-risposta ġuramentata sa nhar id-29 ta' Lulju 2019, iżda tali risposta ġiet ippreżentata nhar id-9 ta' Awwissu 2019.[22] Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-issollevar ta' tali eċċezzjoni, il-preżentata tar-risposta ġuramentata, l-fatt li l-avukat rapprezentant tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku deher għall-ewwel dehra, il-pożizzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet issanata u b'hekk ma hemmx lok li tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti rat l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar ippreżentat u debitament maħluf fis-7 ta' Jannar 2020, fejn ikkonfermat illi wara li ġabret kampjun orali tal-partijiet, irriżulta illi A B, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija 156271M ma huwiex il-missier naturali ta' E B.[23] Għaldaqstant dan jikkonferma illi is-sitt eċċezzjoni tad-Direttur konvenut ġiet sorvolata ukoll.

Kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra. Barra minn hekk, il-ġiurispreudenza nostrana f'kawzi ta' din ix-xorta dejjem irritenew illi *"Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 70 fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti: 1. L-azzjoni promossa mir-ragel tigi istitwita kontra (a) il-mara tieghu (b) u l-wild taghha jew kuratur nominat. 2. Fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jinkixef il-qerq. 3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel."* (ara s-sentenzi fl-ismijiet **Simon Agius vs Jacqueline Agius pro et noe**, deċiża nhar il-20 ta' Marzu 2013 mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja, u **Bogdan Tomenchuk vs Daniela Tomechuk et**, deċiża nhar it-12 ta' Diċembru 2019 mill-Qorti tal-Familja, Sezzjoni Familja). Applikati dawk ir-rekwiżiti għal kawża odjerna, huwa stat ta' fatt li t-tlett rekwiżiti ġew kollha sodisfatti. Għaldaqstant ma jeżisti l-ebda dubju li l-attur A B ma huwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri E B. In vista ta' dan, il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it-talbiet tal-attur fir-rigward tad-*denegata paternita'*.

---

[21] Fol. 23.
[22] Fol. 31.
[23] Fol. 37.

Madanakollu, u in kwantu t-talbiet jikkonċernaw id-dikjarazzjoni tal-missier naturali tal-minuri, il-Qorti tirrileva illi m'hemm l-ebda prova konvinċenti li tikkonferma illi l-missier naturali tal-minuri huwa effettivament il-kjamat fil-kawża F G. Kif ingħad għalkemm il-kjamat in kawża fin-nota tiegħu tal-24 ta' Lulju 2020,[24] saħaq illi *"l-esponenti ssottopona ruħu għat-test ta' DNA, liema rapport ser ikun preżentat formalment fil-mori tal-awża odjerna, fejn irriżulta b'perċentwal ta' 99.8758 li l-esponenti F G huwa l-missier bijoloġiku ta' Harley Anne B"*, tali rapport qatt ma ġie ppreżentat. Magħdud ma' dan, il-konvenuta C D ma kkonfermatx bil-ġurament id-dikjarazzjoni tagħha li missier it-tarbija huwa filfatt F G.

Fi kwalukwe każ, il-Qorti dejjem kienet tal-fehma illi sija l-attur u wkoll il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandhom l-ebda interess ġuridiku sabiex jitolbu lill-Qorti tiddikjara min hu l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri. Il-Qorti tirrileva li *qua* żewġ l-omm, l-unika azzjoni spettanti lilu hija dik ta' *denegata paternita`* illi permezz tagħha huwa jċaħħad lill-minuri mill-paternita` tiegħu u b'hekk ai termini tal-liġi m'għandux il-fakolta` li jitlob li l-missier naturali jiġi hekk dikjarat. Dik l-azzjoni tispetta jew lill-ġenitur naturali ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, jew lill-ġenitur li wiled ai termini tal-Artikolu 77B tal-istess Kodiċi jew lill-wild innifsu ai termini tas-Subtitolu II tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti qiegħda hawnhekk issegwi l-insenjament tagħha stess f'diversi kawżi fosthom fil-kawża fl-ismijiet **Pierre Galea vs. Antoinette Galea et**,[25] fil-kawża fl-ismijiet **Jesmond Jason Cini vs. Marthese Cini et**,[26] u fil-kawża fl-ismijiet **Marco Magro vs. Maria Magro Sacco**.[27]

Minkejja li kemm il-Qrati, fil-ġurisprudenza tagħna, u wkoll il-leġislatur jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ, il-Qorti, f'dan il-każ, m'għandhiex il-fakolta` li takkolji t-tielet u r-raba' talba tal-attur. Fl-ewwel lok, stante li l-attur m'għandux l-interess ġuridiku illi jagħmel l-istess talba u fit-tieni lok, stante n-nuqqas ta' provi sodisfaċenti li l-kjamat in kawża jista' jkun il-missier bijoloġiku tal-istess minuri.

[24] Fol. 45.
[25] Deċiża fis-7 ta' Diċembru 2016, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), (Rikors Ġuramentat Numru 244/15AL).
[26] Deċiża fit-8 ta' Frar 2017, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), (Rikors Ġuramentat Numru 228/13AL).
[27] Deċiża fl-4 ta' Mejju 2017, mil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja),.(Rikors Ġuramentat Numru 94/13AL).

Fil-każ odjern, kemm l-omm, kif ukoll l-allegat missier naturali, li huma t-tnejn parti f'din il-kawża, bl-ebda mod ma ntavolaw talba kif tispeċifika l-liġi (ossia talba rikonvenzjonali *qua* konvenuti), sabiex oltre li l-minuri jiġi mċaħħad mill-paternita' tal-attur, jiġi vestit ukoll bil-paternita' tal-kjamat fil-kawża F G, billi dan jiġi ddikjarat li huwa il-missier naturali tal-minuri u jitniżżlu l-konnotati tiegħu fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri. Dan il-prinċipju ġie ukoll addottat fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Scicluna vs Elena Bianca Sciclua et**.[28]

Stabbilit il-premess, il-Qorti m'għandhiex għażla għajr li tiċħad it-talbiet tal-attur relattivi għall-filjazzjoni tal-minuri, u b'hekk f'dan l-istadju tordna li l-minuri E Bt tkun iddikjarata bħala iben *'missier mhux magħruf'*, filwaqt illi tissolleċita lill-omm ossia lill-konvenuta C D sabiex tagħmel dak li huwa meħtieġ biex l-identita` tal-missier naturali tkun ikkonfermata, u l-istess ikun rifless fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess minuri.

Rigward il-kunjom li għandha tassumi l-minuri E B, il-Qorti rat illi l-partijiet kollha qablu li din tassumi kunjom l-kjamat in kawża. Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma li fs-sitwazzjoni odjerna, ikun għaqli li l-minuri tassumi kunjom ommha, ossija *'D'*.

**DEĊIDE:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi A B, detentur tal-karta tal-identita' X, ma huwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri E B;

2. Tilqa' it-tieni talba tal-attur u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid bin-numru 6025 tas-sena 2015 għandhom jitħassru d-dettalji tal-attur A B u jagħmel is-sostituzzjonijiet meħtieġa billi minflok iniżżel il-kliem *'missier mhux magħruf'*; tordna ukoll sabiex il-minuri tassumi il-kunjom *'D'*;

[28] Deċiża nhar l-10 ta' Jannar 2019, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), (Rikors Ġuramentat Numru 239/2016 AL), mhux appellata.

3. Tiċħad it-tielet u r-raba' talbiet.

Bl-ispejjez kollha tal-kawża għandhom jitħalsu mill-konvenuta C D u dan tenut ukoll tal-fatt li tali kawża skont il-kuntratt ta' separazzjoni tas-26 ta' April 2018 kellha tkun inizjata minnha stess.